



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8641/22

**LIMITE**

**CORLX 404  
CFSP/PESC 568  
RELEX 559  
COEST 347  
FIN 495**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belorussja u l-involviment tal-Belorussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

## **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja  
u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, jenħtieġ li jiġu inklużi 12-il individwu u tmien entitajiet fil-lista ta' persuni fiżiċċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "A. Persuni fiżiċi msemmjija fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
“184.	Ihar Vasilievich KARPENKA  Igor Vasilievich KARPENKO	Irap Васильевич КАРПЕНКА  Игорь Васильевич КАРПЕНКО	Pożizzjoni(jiet): President tal-Kummissjoni Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja dwar l-Elezjonijiet u t-Twettiq ta' Referenda Repubblikani  Data tat-tweldi: 28.4.1964  Sess: raġel  Nazzjonalită: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-Kummissjoni Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja dwar l-Elezjonijiet u t-Twettiq ta' Referenda Repubblikani mit-13 ta' Diċembru 2021, Ilhar Karpenka huwa responsabbi għall-organizzazzjoni u t-twettiq tar-referendum kosituzzjonal tas-27 ta' Frar 2022, li ma jissodisfax l-standards internazzjonali tal-istat ta' dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja. B'mod partikolari, il-proċess ta' abbozzar ma kienx trasparenti u ma nvolviex lis-soċjetà ċivili jew lill-oppożizzjoni demokratika fl-eżiżlu.  Għaldaqstant huwa responsabbi li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
185.	Dzmitry Aliaksevich ALEKSIN  Dmitry Alexeevich OLEKSIN	Дзмітрый Аляксеевіч АЛЕКСІН  Дмитрий Алексеевич ОЛЕКСИН	Pożizzjoni(jiet): Iben Aliaksei Aleksin, azzjonist ta' Belneftgaz, Energo-Oil u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest)  Data tat-twelid: 25.4.1987  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Dzmitry Aleksin huwa iben Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti Belarussu. Fl-2021 sar koproprietarju ta' kumpanniji proprjetà ta' missieru jew assoċjati ma' missieru, fosthom Energo-Oil, Bleneftgaz u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest). Dawk il-kumpanniji ngħataw trattament preferenzjali abbażi ta' digrieti presidenzjali ffirmati minn Aliaksandr Lukashenka: Inter Tobacco ingħatav privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belarussja, filwaqt li Belneftgaz inħatret operatur nazzjonali ta' monitoraġġ tat-tranżitu.  Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
186.	Vital Aliakseevich ALEKSIN  Vitaliy Alexeevich OLEKSIN	Віталь Аляксеевіч АЛЯКСІН  Виталий Алексеевич ОЛЕКСИН	Pożizzjoni(jiet): Iben Aliaksei Aleksin, azzjonist ta' Belneftgaz, Energo-Oil u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest)  Data tat-twelid: 29.8.1997  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Vital Aleksin huwa iben Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti Belarussu. Fl-2021 sar koproprietarju ta' kumpanniji proprietà ta' missieru, jew assoċjati ma' missieru, fosthom Energo-Oil, Bleneftgaz, u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest). Dawk il-kumpanniji ngħataw trattament preferenzjali abbażi ta' digrieti presidenzjali ffirmati minn Aliaksandr Lukashenka: Inter Tobacco ingħatat privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belarussja, filwaqt li Belneftgaz inhāret l-operatur nazzjonali ta' monitoraġġ tat-tranżitu.  Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
187.	Bogoljub KARIĆ	Богољуб КАРИЋ Боголюб КАРИЧ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant u politiku Serb, assoċjat mal-kumpannija Dana Holdings  Data tat-twelid: 17.1.1954  Post tat-twelid: Peja/Pec, il-Kosovo  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Serb  Numru tal-passaport: 012830978 (validu sa 27.12.2026)	Bogoljub Karić huwa negozjant u politiku Serb. Flimkien mal-membri tal-familja tiegħu, żviluppa network ta' kumpanniji tal-proprietà immobbbli fil-Belorussja u kkultiva network ta' kuntatti mal-familja ta' Aliaksandr Lukashenka. B'mod partikolari, huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Dana Holdings u s-sussidjjarja preċedenti tagħha Dana Astra, u huwa allegatament irrapreżenta lil dawk l-entitajiet waqt laqgħat ma' Lukashenka. Il-proġett Minsk World, li ġie żviluppat minn kumpannija assoċjata ma' Karić, ġie deskrirt minn Lukashenka bħala "eżempju ta' kooperazzjoni tad-din ja Slavonika". Bis-saħħha ta' dawk ir-relazzjonijiet mill-qrib ma' Lukashenka u ma' dawk ta' madwaru, il-kumpanniji assoċjati ma' Karić irċevew trattament preferenzjali mir-reġim ta' Lukashenka, inkluż ħelsien mit-taxxa u biċċiet ta' art għall-iżvilupp ta' propriedà immobbbli. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
188.	Andrii SICH Andrey SYCH	Андрій СІЧ Андрей СЫЧ	Pożizzjoni(jiet): Kopreżentatur tal-programm "Platform" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Belarus 1"  Membru tal-organizzazzjoni "Rusj molodaja"  Data tat-twelid: 20.9.1990  Post tat-twelid: Belarussia  Sess: raġel  Nazzjonalit�: Belarussa	Andrii Sich huwa kopreżentatur tal-programm "Platform" fuq l-istazzjoni televiżiv tal-istat "Belarus 1". F'dik il-pożizzjoni huwa appoġġa n-narrattiva tar-reġim li timmira li tiskredita l-media indipendenti, iddgħajjef id-demokrazija u tiġġustifika r-repressjoni. Huwa appoġġa n-narrattiva tar-reġim ta' Lukashenka dwar l-intenzjonijiet tal-istati tal-Punent li jorganizzaw kolp ta' stat fil-Belorussja u, appella għal kastigi ħorox għal dawk allegatament involuti, appoġġa kampanji ta' diżinformazzjoni dwar it-trattament ħażin tal-migranti li jaslu fl-Unjoni mill-Belorussja u ppromwova l-impressjoni li l-media indipendenti kienet aġent tal-influwenza barranija li l-attivitajiet tagħha għandhom jitraqżzu.  Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
189.	Dzianis Aliaksandravich MIKUSHEU  Denis Alexandrovich MIKUSHEV	Дзяніс Аляксандравіч МІКУШЭЎ  Денис Александрович МИКУШЕВ	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fir-Reġjun/Oblast ta' Gomel; konsulent legali anzjan  Data tat-tweliż: 21.3.1980  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Dzianis Mikusheu huwa l-Kap tad-Dipartiment għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fir-Reġjun/Oblast ta' Gomel u konsulent legali anzjan. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbi għall-bidu tal-prosekuzzjonijiet ta' Siarhei Tsikhanouski, Artsiom Sakau, Dzmitry Papou, Ihar Losik, Uladzimir Tsyhanovich u Mikalai Statkevich. Huwa kkontribwixxa għad-detenzjoni arbitrarja ta' Siarhei Tsikhanouski, kif ippreżentat fir-rapport mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-Detenzjoni Arbitrarja.  Għalhekk huwa responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għal dghajien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	+

+ ġu: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
190.	Mikalai Ivanovich DOLIA  Nikolai Ivanovich DOLYA	Мікалай Іванавіч ДОЛЯ  Николай Иванович ДОЛЯ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel  Data tat-tweliż: 3.7.1979  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  ID personali: 3070379H041PBI	Mikalai Dolia huwa mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel. F'dik il-pożizzjoni huwa responsabbli tas-sentenzi ta' pieni ta' priġunerija sproportzjonalment twal lil Siarhei Tsikhanouski, Artsiom Sakau, Dzmitry Papou, Ihar Losik, Uladzimir Tsyhanovich u Mikalai Statkevich. Huwa kkontribwixxa għad-detenzjoni arbitrarja ta' Siarhei Tsikhanouski, kif ippreżentat fir-rapport mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-Detenzjoni Arbitrarja.  Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għal dghajien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
191.	Andrei Yauhenavich PARSHYN  Andrei Yevgenevich PARSHIN	Андрэй Яўгенавіч ПАРШЫН  Андрей Евгеньевич ПАРШИН	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlied kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni fil-Belorussja (GUBOPiK)  Data tat-tweld: 19.2.1974  Indirizz: 4A Skryganova St., Apt. 211, Minsk, Belarus  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Andrei Parshyn huwa l-Kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlied Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPiK) fil-Ministeru għall-Intern mill-2021 'l hawn. GUBOPiK huwa wieħed mill-korpi ewlenin responsabbi għall-persekuzzjoni politika fil-Belorussja, inkluż l-arresti arbitraiji u illegali u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' attivisti u membri tas-soċjetà ċivili.  Fuq il-profil tiegħi fuq Telegram, GUBOPiK ippubblika filmati ta' konfessjonijiet furzati minn attivisti Belarussi u ċittadini ordinari, filwaqt li esponihom għall-pubbliku ġenerali Belarussu u użahom bħala għoddha għal pressjoni politika. GUBOPiK żamm bħala detenut ukoll lil Mark Bernstein, wieħed mill-edituri ewlenin ta' Wikipedia bil-lingwa Russa, talli ppubblika informazzjoni dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, meqjusa bħala "aħbar falza" kontra r-Russja.  Għalhekk Andrei Parshyn huwa responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belorussja.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
192.	Ihar Piatrovich TUR Igor Petrovich TUR	Igor Пятровіч ТУР Ігорь петрович ТУР	Pożizzjoni(jiet): Impjegat tal-istazzjon televiżiv statali "ONT", awtur u preżentatur prinċipali ta' diversi programmi ("Propaganda", "To be completed")  Data tat-twelid: 26.3.1989  Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, Belarussja  Sess: raġel  Nazzjonalità: Belarussa	Ihar Tur huwa impjegat tal-istazzjon televiżiv statali "ONT" u wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa l-preżentatur tal-programm "Propaganda", li fih jappella għall-vjolenza, jiskredita lill-attivisti tal-oppożizzjoni u jippromwovi filmati b'konfessjonijiet furzati minn priġunieri politiċi. Huwa l-awtur ta' għadd ta' rapporti foloz dwar protesti mill-oppożizzjoni Belarussa, u ta' diziinformazzjoni rigward avvenimenti fl-Unjoni u dwar attakki fuq is-soċjetà ċivili. Huwa responsabbi wkoll mit-tixrid tad-diziinformazzjoni u messaġġi online li jinċitaw il-vjolenza. Ingħata midalja minn Aliaksandr Lukashenka għall-ħidma tiegħu fil-media.  Għaldaqstant qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
193.	Lyudmila Leanidauna HLADKAYA  Lyudmila Leonidovna GLADKAYA	Людмила Леанідаўна ГЛАДКАЯ  Людмила Леонидовна ГЛАДКАЯ	Pożizzjoni(jiet): Korrispondent speċjali tal-gazzetta "SB Belarus Segodnya", preżentatriċi fuq l-istazzjon televiżiv statali "Belarus 1"  Data tat-twelid: 30.6.1983  Indirizz: 8A VodolazhskySt., apt. 45, Minsk, Belarus  Sess: mara  Nazzjonalită: Belarussa	Lyudmila Hladkaya hija waħda mill-aktar propagandisti prominenti tar-reġim ta' Lukashenka. Hija impiegata tal-gazzetta "SB Belarus Segodnya" u assoċjata ma' media oħra favur ir-reġim, inkluż l-istazzjon televiżiv statali "Belarus 1". Hija spiss tuża diskors ta' mibegħda u lingwaġġ derogatorju waqt li tkun qed titkellem dwar l-oppożizzjoni demokratika. Hija wettqet ukoll bosta "intervist" ma' ċittadini Belarussi detenuti ingħustament, spiss studenti, li juruhom f'sitwazzjonijiet umiljanti u li jirridikolawhom. Hija ppromwoviet ir-repressjoni tal-apparat tas-sigurtà Belarussu u ħadet sehem f'kampanji ta' diżinformazzjoni u ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni. Hija qed tesprimi pubblikament appoġġ għal Aliaksandr Lukashenka u tesprimi kburija fil-qadi tar-reġim tiegħu. Hija ġiet imfahha pubblikament u ppremjata minn Lukashenka għal xogħolha. Għaldaqstant hija qed tibbenifika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
194.	Ryhor Yur'yevich AZARONAK  Grigoriy Yurevich AZARYONOK	Рыгор Юр'евич АЗАРОНАК  Григорий Юрьевич АЗАРЁНОК	Pożizzjoni(jiet): Impjegat tal-istazzjon televiżiv statali "CTV", awtur u preżentatur ta' diversi programmi ("Secret Springs of Politics", "Order of Judas", "Panopticon")  Grad: Logutendent kurunell (riżerva)  Data tat-twelid: 18.10.1995  Post tat-twelid: Minsk, Belarussja  Sess: raġel  Nazzjonalită: Belarussa	Ryhor Azaronak huwa wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa artikolista politiku, awtur u l-preżentatur ta' programmi ta' propaganda ta' kull ġimgħa fuq l-istazzjon televiżiv statali "CTV". Fix-xandiriet tiegħu huwa approva l-vjolenza kontra dawk li ma jaqblux mar-reġim ta' Lukashenka, u sistematikament uża lingwaġġ derogatorju dwar attivist, għurnalisti u avversarji oħra tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa rċieva premju bil-midalja "Għall-Kuraġġ" mingħand Aliaksandr Lukashenka.  Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
195.	Ivan Ivanovich GALAVATYI  Ivan Ivanovich GOLOVATY	Іван Іванавіч ГАЛАВАТЫ  Иван Иванович ГОЛОВАТЬ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġeneral tal-Open Joint Stock Company "Belaruskali"  Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà Nazzjonali  Data tat-twelid: 15.6.1976  Post tat-twelid: Pogost Settlement, Soligorsk District, Minsk Province, il-Belarussja  Sess: raġel  Nazzjonalità: Belarussa	Ivan Galavatyi huwa d-Direttur Ġenerali tal-intrapriża statali Belaruskali, li hija sors ewleni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Huwa membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali u għandu diversi pożizzjonijiet għolja oħra fil-Belarussja. Huwa rċieva diversi premijiet statali, inkluż direttament mingħand Aliaksandr Lukashenka, matul il-karriera tiegħu. Huwa kien assoċċiat mill-qrib ma' Lukashenka u membri tal-familja tiegħu. Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.  L-impiegati tal-Belaruskali li ġadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali froudenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew imċaħħda minn primjums u sfaw imkeċċa. Lukashenka nnifsu personalment hedded li jissostitwixxi lil dawk li strajkjaw b'minaturi mill-Ukrainja. Għaldaqstant, Ivan Galavatyi huwa responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	+

+ ġu: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(2) il-persuni ġuridiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
28.	Open Joint-Stock Company "Belaruskali"	Адкрытае акцыянернае таварыства "Беларуськалий"  Открытое акционерное общество "Беларуськалий"	Indirizz: 5 Korzha St 5, Soligorsk, 223710 Minsk Region, /Oblast, Belarus, Data tar-reġistrazzjoni: 23.12.1996  Numru tar-reġistrazzjoni: 600122610	OJSC Belaruskali hija intrapriża statali u waħda mill-akbar produtturi tal-potassa fid-dinja li tipprovd 20 % tal- esportazzjonijiet globali tal-potassa. Bħala tali, hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Aliaksandr Lukashenka ddeskrivha bħala "teżor nazzjonali, turja ta' kburija, wieħed mill-pilastri tal-esportazzjonijiet Belarussi". Għaldaqstant Belaruskali tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.  Impiegati ta' Belaruskali li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet froudenti ta' Awwissu 2020 fil- Belarussja ġew intimidati u tkeċċew mill-manġġment tal- kumpannija. Lukashenka nnifsu t hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strjkaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant Belaruskali hija responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
29.	Joint Stock Company “Belarusian Potash Company”	AAT "Беларуская “калийная кампания” ОАО “Белорусская калийная компания”	Indirizz: 35 Masherova Ave. 220002 Minsk, Belarus  Data tar-reġistrazzjoni: 13.9.2013  Numru tar-reġistrazzjoni: 192050251  Tel. +375 (17)-309-30-10; +375 (17)-309-30-30  Indirizz elettroniku: info@belpc.by	JSC Belarusian Potash Company hija l-fergħa esportatriċi tal- prodduttur tal-potassa statali tal-Belarussja Belaruskali. Belaruskali hija waħda mill-akbar sorsi ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. Il-provvisti mill-Belarusian Potash Company jammontaw għal 20 % tal-esportazzjonijiet globali tal-potassa.  L-istat jiggarrantixxi d-drittijiet ta' monopolju tal- Belarusian Potash Company biex tesporta fertilizzanti tal-potassju. Bis- saħħha tat-trattament preferenzjali mill-awtoritajiet Belarussi, il- kumpannija taqla' dħul sostanzjali. Għaldaqstant, il-Belarusian Potash Company tibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
30.	"Inter Tobacco" LLC	Таварыства з абмежаванай адказнасцю "Інтэр Табак" Общество с ограниченной ответственностью "Интер Тобако"	Indirizz: (, 131 Novodvorskiy village, Novodvorskiy village council, Minsk District, 223016 Minsk Region/Oblast, Belarus (Minsk Free Economic Zone Data tar-reġistrazzjoni: 10.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 808000714	Inter Tobacco LLC hija parti mill-Industria tal-Manifattura tat-tabakk fil-Belorussja. Hija għandha sehem sinifikanti mis-suq tas-sigaretti domestiċi profittabbli fil-Belorussja. Il-kumpannija nħitat privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belorussja, abbażi ta' digriet iffirms minn Aliaksandr Lukashenka. Barra minn hekk, Lukashenka ġareġ digriet Presidenzjali biex ifassal mill-ġdid il-konfini tal-kapitali tal-Belorussja, Minsk, biex ineħħi l-art għall-fabrika ta' Inter Tobacco, probabbilment għal raġunijiet relatati mal-evażjoni tat-taxxa. Inter Tobacco tappartjeni għal Alexei Oleksin u membri tal-familja qrib tiegħu (hija proprjetà tal-kumpannija Energo-Oil ta' Oleksin). Għaldaqstant, Inter Tobacco qed tibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
31.	Open Joint-Stock Company "Naftan"	Адкрытае акцыянернае таварыства "НАФТАН" Открытое акционерное общество "НАФТАН"	Indirizz: Novopolotsk 1, 211440 Vitebsk Region/Oblast, Belarus,  Data tar-reġistrazzjoni: 1992  Numru tar-reġistrazzjoni: 300042199	Bħala intrapriża statali, OJSC Naftan hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Naftan tibbenifika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.  Impiegati ta' Naftan li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali froudenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew intimidati u tkeċċew mill-managment talk-kumpannija. Għaldaqstant Naftan hija responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
32.	Open Joint-Stock Company "Grodno Tobacco Factory Neman"	Адкрытае акцыянернае таварыства "Гродзенская тытунёвая фабрика "Нёман"  Открытое акционерное общество "Гродненская табачная фабрика Неман"	Indirizz: 18 Ordzhonikidze St, 230771 Grodno/ Hrodna, Belarus,  Data tar-reġistrazzjoni: 30.12.1996  Numru tar-reġistrazzjoni: 500047627	OJSC "Grodno Tobacco Factory Neman" hija intrapriża statali tal-Belarussja u waħda mis-sorsi ewlenin ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. Il-kumpannija għandha 70-80 % tas-sehem mis-suq tat-tabakk fil-Belarussja. "Grodno Tobacco Factory Neman" għalhekk tibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.  Immanifatturati fil-Belarussja, il-marki Grodno Tobacco Factory "Neman" huma fost l-aktar sigaretti komuni li jiddaħħlu b'kunrabandu fl-Unjoni bħala parti mill-kummerċ tat-tabakk bil-kunrabandu li jħalli qligħ. Vagħni tal-ferrovija li jappartjenu għal kumpanniji statali tal-Belarussja "Belaruskali" u "Grodno Azot" jintużaw fl-iskema tal-kunrabandu. "Grodno Tobacco Factory Neman" għalhekk tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tat-trasferiment illegali ta' ogħetti ristretti fit-territorju tal-Unjoni.	+

+ ġu: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
33.	Beltamozhservice	Рэспубліканскэе ўнітарнае прадпрыемства "БЕЛМЫТСЭРВІС"  Республиканское унитарное предприятие "БЕЛТАМОЖСЕРВИС"	Indirizz: 17th km. Minsk-Dzerzhinsk, administrative building, office 75, Shchomyslitsky 223049 Minsk Region/Oblast, Belarus  Data tar-reġistrazzjoni: 9.6.1999  Numru tar-reġistrazzjoni: 101561144	Beltamozhservice hija kumpannija statali u waħda mill-akbar kumpanniji tal-loġistika fil-Belarussja. Hija assoċjata mill-qrib mal-awtoritajiet Belarussi u hija involuta fil-kuntrabandu u l-esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti mill-Belarussja lejn ir-Russia. Il-kumpannija tibbenifika minn rabtiet mal-awtoritajiet Belarussi u tipprovdi dħul sinifikanti lir-reġim ta' Lukashenka. Beltamozhservice għaldaqstant qed tibbenifika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
34.	Open Joint Stock Company "Managing Company of Holding "Belkommunmash"	Адкрытае акцыянернае таварыства "Кіруючая кампанія холдингу "Белкамунмаш"  Открытое акционерное общество "Управляющая компания холдинга "Белкоммунмаш"	Indirizz: 64B-2 Perekhodnaya St., 220070 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 13.08.1991  Numru tar-reġistrazzjoni: 100205408	Belkommunmash hija manifattur Belarussu ta' vetturi tat-trasport pubbliku. Aliaksandr Lukashenka qed jippromwovi minn-negozju ta' Belkommunmash, filwaqt li jiggarrantixxi l-konformità tal-kumpannija mal-obbligi kuntrattwali tagħha lejn is-sħab tagħha u qed juża l-influwenza tiegħu biex jappoġġa l-attività kummerċjali tagħha. Għalhekk Belkommunmash qed tibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka.  Belkommunmash keċċiet lill-ħaddiema b'ritaljazzjoni għall-protesta tagħhom kontra r-riżultati ffalsifikati tal-elezzjoni presidenzjali fl-2020, u għalhekk hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
35.	Belteleradio Company / National State Television and Radio Company of the Republic of Belarus	Нацыянальная дзяржаўная тэлерадыёкампанія Рэспублікі Беларусь / Белтэлерадыёкампанія  Национальная государственная телерадиокомпания Республики Беларусь / Белтэлерадиокомпания	Indirizz: 9. Makayonka St, Minsk, Belarus  Data tar-reġistrazzjoni: 14..9.1994  Numru tar-reġistrazzjoni: 100717729  Sit web: tvr.by	Belteleradio Company hija l-kumpanija statali tax-xandir televiżiv u tar-radju u tikkontrolla seba' stazzjonijiet tat-televiżjoni u ħames stazzjonijiet tar-radju fil-Belorussia. Wara l-elezzjonijiet presidenzjali f'Awwissu 2020, Belteleradio Company keċċiet lill-ħaddiema tal-mezzi tax-xandir li tikkontrolla li pprotestaw u ssostitwiethom b'impiegati tal-media Russi. Għaldaqstant hija responsabbli ġhar-repressjoni tas-soċjetà ċivili  L-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju ssorveljati minn Belteleradio Company qed ixerrdu b'mod attiv il-propaganda u b'hekk qed jappoġġaw lir-reġim ta' Lukashenka.	+".

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.